# KOLLOX JINTEMM!

Ħemda, skiet, serħan.

...U ma' l-arja safja, tħoss tnissil ta' ferħ f'qalbek; u fuq il wisa' kbir tal-baħar, tilmaħ isaltan bnazzi li jgħaxxaq; u l-art ixxerred fwieħa li biha żżid fil-ħajja; u x-xemx tidħak mill-għoli tas-sema, ddawwal u tistieden il-ħlejjaq kollha biex ibierku u jqimu lil Dak li ħalaqhom.

Ħemda, skiet serħan.

U eluf ta' għasafar bil-ħelu leħen tagħhom, igħannu għalenija u jselmu n-nhar li sejjer; u l-bogħod, il-bogħod, fejn l-imrieżaq tax-xemx ma għandhomx iżjed qawwa, ġa bdew ifeġġu jiddu l-kwiekeb għad-dmir tagħhom, biex jatu bidu għall-ħemda tal-lejl—ma għad li bla qawwa, iżda għadhom jarmu dawl ċkejken dawk l-imrieżaq tax-xemx fil-ħemda tal-ħin, biex jolqtu lil-ħafna sħab ċkejken, illi, mingħajr ebda sura u qies, jiġġerra 'l hawn u 'l hemm bħal ħafna friefet, jiksuhom b'elf lewn, li ta' siqwit jinbidel u jerġgħu jiżżewqu b'lewn ieħor, li fihom infushom jinbidlu u jerġgħu jieħdu s-sura bħal

qabel, biex mill ġdid jitbiddlu u jsebbħu iżjed, billi waħda ma taqbilx ma l-oħra l-għamla sabiħa tas-sema ikħal.

L-istess tiżwiq tilmaħ wkoll fuq il-wiċċ ta' l-art; inti taraha f-eluf ta' għamla ta' nwar illi bil-ġmiel u l-fwieħa tagħhom tħoss qalbek titgħaxxaq, fil-waqt li jżejnu l-art li lejha tħares. Żiffa rieh ħafifa, ħelwa, tfakkrek u tnebbħek li qorob it-tmiem taljum, tħarrek kemm, kemm il-weraq tas-siġar, fil-ħin, li donnok tismagħha mnikkta, qegħda tgerger talb ħanin, u fl-istess ħin, tressaq fuq ġwenħajha l-ħfief, il-ħoss fil-bogħod tal-qampiena illi tfaccarna fl-*Ave Maria*, fejn lill-kullħadd iġġagħal b'leħen miġbur u b'rasu mniżżla jtenni mal-kor ta' l-anġli, dik it-talba sabieħa u mbierka.

Hemda, skiet, serħan.

* * *

Ma' dak il-ħoss tal-qampiena għażiża, stenbaħt mit-telfa li kont fiha; arfajt mill-art il-ktieb illi kien żelaqli minn idejja, u bdejt miexi qajla qajla, qalb ir-rieħa tal-frott u tal-fjuri li tħenni u tqawwi.

Waqaft quddiem xi ward, li għalkemm kien għadu jarmi xi fwieħa, iżda kien kollhu midbiel, u qgħadt quddiemu nħares lejh...

Elf ħsieb ġrieli ma' rasi bdejt naħseb illi dak il-ward, filgħodu kollu saħħa, kollu fuq tiegħu, sabiħ, u issa hekk malajr, mitluk, midbiel, b'rasu mmejla, bil-għafja tal-mewt fuqu!

Harist lejn l-art, u qalb l-imgħaseb sofor ta' ward ieħor, nilmaħ farfett abjad, ċass, bla ma jitħarrek, mixħut mejjet.—"Min jaf" għedt bejni u bejn ruħi, "jekk dak il-farfett kienx qalb dawk l-oħra li rajt filgħodu jitajru minn fuq warda għal oħra?" L-ebda tweġiba ma dak il-farfett, li filgħodu kien tant ħafif, sabiħ, mimli bil-ħajja, issa jinsab mitmum fuq dawk li stess imgħaseb, li min jaf kemm-il-darba strieħ fuqhom!...

Kollox jintemm f'did-dinja, għedt f'qalbi, u mikdud fuq hekk kollni ħiemed u mdejjaq bqajt miexi mħasseb bi ħsebijiet ta' swied-il-qalb.

Ġietni quddiem għajnejja x-xbiha ta' Alessandru l-Kbir— fuq tiegħu, qalbieni, ħabrieki, imxennaq għall-kburija... ilmaħtu għadu żagħżugħ, irażżan bil-qawwa tiegħu lis-salvaġġ Bucefalo —ilmaħtu wkoll fuq it-tron imħasseb bi ħwejjeġ kbar u talbiża' ġejjin għal-fuqu—jena rajtu jħarbathom, iħollhom kollha waħda wara l-oħra... imbagħad fit-taqbida ta' Isso, meta rebaħ u ħa f'idejh Tiro u Gaza... meta rebaħ l-Eġittu, meta sar ħakem, u sid id-dinja... xi swielu?... Wara dan, jiena nilmħu marid b'deni qawwi, bla saħħa, mingħajr ebda tama ta' fejqan... narah

jaqla' l-ħakem minn sebgħu u jatih lil Perdicca, ibus idejn is-suldat tiegħu, u jmut meta sewwa-sew kellu tnejn-u-tletin sena...

U issa x'fadal minnek, o Kbir Alessandru?— xejn iżjed ħlief isem, imħażżeż l-hawn u l-hemm fuq kotba li wisq ftit nies jaqrawhom!

Tbiegħed min moħħi Alessandru, u dikment feġġli Ċiċerun. Narah biss ċittadin, maħruġ mid-dlamijet, u bil-qawwa ta' l-istudju, bil-ħila kbira tiegħu, bla qatt ma kellu qraba li setgħu jgħinuh, bla għana, u mingħajr ebda għajnuna jiena nilmħu jogħla bil-ħeffa kollha, jaħtaf f'idejh it-triġija ta' l'akbar setgħat: *Questura*, *Edilità*, *Pretura* u flaħħarnett jasal għal *Consolat*. Jiena narah irieġi r-Republika bil-għerf kollhu u jeħlisha minn Catilina li ried jiżra u jxerred fiha taħwid cbir. U xi swielu iżda dan kollu?...Jekk fl-aħħar nilmħu mixħut minn tulu fl-art b'sejf imwaħħal ġewwa sidru?...

U fl-istess ħin niftakar f'Cesare, f'Guglielmu ir-Rebbieħ, u f'Danton, Robespierre, Nelson; u Napuljun qawwi, qalbieni, bla ma qatt jarġa' lura milli jgħid, rebbieħ tista' tgħid tad-dinja kollha, ħakem, Sultan, u mbagħad imrażżan, marbut marrieda t'Alla, b'dirgħajh imsallba fuk sidru, ikejjel il-baħar kbir illi jdawwar il-gżira ta' Santa Liena, u fl-aħħar qiegħed imut b'qalbu magħfusa, waħdu, u minsi minn culħadd—u ftakart ukoll f'tant u tant nies kbar oħra—iżda kollha... kollha għaddew bħal sħab fis-sema.

* * *

Waqaft, ħarist lejn is-sema, ix-xemx għabet għal kollox, iż-żiffa ħelwa raqdet, ma kienx jinstama' iżjed il-għana ta' l-għasafar, is-sema tgħatta bi sħab iswed, u min wara dan kultant kien jixref il-qamar.

Għadda kollox, għadda wkoll kull ma stħajjilt li qiegħed nara, għaddiet ukoll dik il-ħemda, dak is-skiet, dak is-serħan kollox għadda u dieb fix-xejn.

Indawwar wiċċi, u nilmaħ il-missieri ġej għal fuqi, ipejjep is-sigarru *virginia*, li qatt ma jaqilgħu minn ħalqu—ħarist lejn dak id-duħħan abjad, qawwi, rajtu jinfirex fl-arja, fl-aħħar jinbaram sa kemm ma deherx iżjed.

"Din hija l-ħajja!" għedt bejni u bejn ruħi, u b'rasi l-isfel, dawwart il-mixi tiegħi lejn missieri...!

V. M. Pellegrini.